



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MULTILINGWIŻMU
Diviżjoni tal-Ilsien Malti

PROĊEDURI TA' GĦOTI TA' KUNTRATT

**"Konklużjoni ta' oqfsa ta' kuntratti għat-traduzzjoni ta' testi ġuridiċi minn
ċerti lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Malti"**

**ITTRA TA' STEDINA SABIEX TIPPREŻENTA TALBA GĦAL
PARTEĊIPAZZJONI**



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MULTILINGWIŻMU
Diviżjoni tal-Ilsien Malti

il-Lussemburgu, 16/10/2025

STEDINA SABIEX TIPPREŻENTA TALBA GĦAL PARTEĊIPAZZJONI

Suġġett: Konklużjoni ta' oqfsa ta' kuntratti għat-traduzzjoni ta' testi ġuridiċi minn ċerti lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Malti"

Avviż ta' kuntratt Nru **JO S 199/2025** ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fi 16/10/2025 (disponibbli fuq https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_268713/mt/)

Sinjur, Sinjura,

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Ġustizzja" jew l-"awtorità kontraenti" qiegħda tipprospetta l-għoti tal-kuntratt imsemmi fis-suġġett.

Id-dokumenti tal-kuntratt jinkludu:

- l-avviż ta' kuntratt;
- din l-ittra ta' stedina; u
- l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt flimkien mal-annessi tiegħu.

Dan l-għoti ta' kuntratt jinkludi **żewġ stadji**:

L-ewwel stadju: **Evalwazzjoni tat-talbiet għal parteċipazzjoni (verifika tal-kriterji ta' esklużjoni u ta' għażla sabiex jintgħażlu l-kandidati li ser jiġu mistiedna jagħmlu offerta).**

- Fl-ewwel lok, jekk inti interessat(a) f'dan il-kuntratt, inti mistieden/mistiedna tippreżenta **talba għal parteċipazzjoni** (formola ta' reġistrazzjoni obbligatorja ffirmata u skenjata li tinkludi l-annessi).

It-tieni stadju: **Evalwazzjoni tal-offerti (għoti tal-kuntratti-qafas abbażi tal-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti mingħand il-kandidati mistiedna jagħmlu offerta).**

- Fit-tieni lok, huma biss il-kandidati magħżula fl-ewwel stadju li ser jiġu mistiedna jagħmlu offerta.

Kull offerta rċevuta mingħand persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx ġiet mistiedna tagħmel offerta ser tiġi miċħuda.

Id-data prevista għall-iffirmar tal-kuntratti-qafas hija indikata fil-punt 1.3 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

1. **Id-data ta' skadenza sabiex jiġu rċevuti t-talbiet għall-parteċipazzjoni hija ffixxata għal 20/11/2025 fil-17:00, ħin tal-Lussemburgu.**

Peress li s-sejħa għal kompetizzjoni hija permanenti, il-kuntratti għat-traduzzjoni ġuridika jibqgħu madankollu miftuħa sabiex jippermettu fi kwalunkwe mument id-dħul ta' kontraenti ġodda. It-talbiet għal parteċipazzjoni ppreżentati wara d-data ta' skadenza indikata għalhekk jistgħu jiġu evalwati, bil-kundizzjoni li n-numru massimu ta' kontraenti għal-lott (kombinazzjoni lingwistika) ma jkunx intlaħaq.

2. Jekk jogħġbok ibgħat it-talba għal parteċipazzjoni tiegħek (formola ta' reġistrazzjoni obbligatorja fil-lingwa fil-mira ffirmata u skenjata li tinkludi l-annessi) **esklużivament b'mod elettroniku fl-indirizz: FreelanceMT@curia.europa.eu.**

Il-kundizzjonijiet imsemmija jwasslu għaċ-ċaħda tat-talba għal parteċipazzjoni:

- It-trażmissjoni tat-talba għal parteċipazzjoni magħmula b'mezzi oħra li ma jkunux mezzi elettroniċi;
- L-użu ta' links lejn spazji ta' ħażna online.

Talba għall-parteċipazzjoni titqies li ma tkunx waslet jekk jintuża indirizz tal-posta elektronika ieħor għat-trażmissjoni tagħha.

It-talba għal parteċipazzjoni għandha tiġi trażmessa obbligatorjament fil-format PDF u ma għandhiex taqbeż id-daqs massimu ta' 10 MB għal kull messaġġ. It-talba għal parteċipazzjoni tista' tintbagħat f'diversi messaġġi separati u konsekuttivi. F'dan il-każ, huwa rrakkomandat li fis-suġġett ta' kull messaġġ konsekuttiv jiġi inkluż numru tas-serje, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim.

3. Sabiex tissottometti talba għal parteċipazzjoni, għandek tipprovdi d-dokumenti msemmija fil-punt 4.2 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

Sabiex tissottometti talba għall-parteċipazzjoni, inti għandek tuża l-formola ta' reġistrazzjoni obbligatorja flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha li huma stipulati fiha (b'mod partikolari dikjarazzjoni fuq l-unur dwar il-kriterji ta' esklużjoni u l-kriterji ta' għażla kif ukoll il-provi meħtieġa kollha).

L-informazzjoni rilevanti kollha għas-sottomissjoni ta' talba għal parteċipazzjoni tinsab fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

Għal kull lott ikkonċernat mit-talba għal parteċipazzjoni tiegħek, inti għandek tibgħat formola ta' reġistrazzjoni obbligatorja separata. L-informazzjoni neċessarja għall-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tal-kandidat għandha tintbagħat skont il-lott.

It-talbiet għal parteċipazzjoni għandhom jitfasslu b'mod li ssir evalwazzjoni kompleta, preċiża u malajr kemm jista' jkun tagħhom, li jippermetti l-għażla tal-kandidati li jkunu ser jiġu mistiedna jagħmlu offerta. Il-kandidati li ma jkunux ipprovdew biżżejjed informazzjoni meta jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni obligatorja u meta jannettu d-dokumenti u l-provi indikati, jistgħu jkollhom it-talba għall-partiċipazzjoni tagħhom miċħuda.

4. Is-sottomissjoni ta' talba għal partiċipazzjoni timplika l-aċċettazzjoni tal-kundizzjonijiet stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u, skont il-każ, rinunzja mill-kandidat tal-kundizzjonijiet ġenerali jew partikolari rispettivi tiegħu.
5. L-ispejjeż sostnuti għall-preparazzjoni u għas-sottomissjoni tat-talbiet għal partiċipazzjoni jiġu totalment sostnuti mill-kandidat u ma humiex ser jiġu rimborsati.
6. Il-kuntatti bejn l-awtorità kontraenti u l-kandidati huma awtorizzati biss eċċezzjonalment. Il-punti 6.1.1 u 6.1.2 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jippreċiżaw il-kuntatti bejn il-kandidati u l-Qorti tal-Ġustizzja matul l-ewwel stadju tal-proċedura.
7. L-awtorità kontraenti tista', sal-iffirmar tal-kuntratt-qafas, tannulla l-proċedura ta' għoti tal-kuntratt, kompletament jew parzjalment fil-każ ta' proċeduri mogħtija fl-oġġetti, mingħajr il-kandidati jew l-offerenti ma jkunu jistgħu jitolbu xi tip ta' kumpens. Din id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata u l-kandidati jew l-offerenti għandhom jiġu informati dwarha malajr kemm jista' jkun.
8. Mill-mument meta l-awtorità kontraenti tiftaħ it-talba għal partiċipazzjoni, id-dokument isir il-proprietà tagħha u jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali filwaqt li jiġu osservati r-regoli kollha applikabbli għall-protezzjoni tad-data personali.
9. Il-kandidati jiġu informati bir-riżultat tal-ewwel stadju ta' dan l-għoti ta' kuntratt permezz ta' posta elettronika biss. Huma għandhom jipprovdu d-dettalji tagħhom fit-talba għall-partiċipazzjoni tagħhom, kif ukoll indirizz ta' posta elettronika validu u għandhom jikkonsultaw il-kaxxa tal-posta elettronika tagħhom regolarment. Il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn funzjonament ħażin tal-posta elettronika huma r-responsabbiltà esklużiva tal-kandidat. Il-kalendarju tal-proċedura jinsab indikat fil-punt 1.3 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.
10. Is-segwitu tat-talba għal partiċipazzjoni ser jinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tad-data personali tal-kandidati. Il-punt 7.6 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jippreċiża l-proċedura tal-ipproċessar tad-data personali tal-kandidati matul il-proċedura tal-għoti tal-kuntratt.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, Sinjura, l-oġġetti tislijiet tiegħi,



Joseph Alfred Izzo Clarke
Kap tad-Diviżjoni tal-Ilsien Malti